` **MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-29 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 183/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 27**

**Emanuel Borg (K.I. 21563M)**

**Binja San Klement, Flat 6,**

**Triq Guzi Abela,**

**Zejtun**

**vs**

**Rodrick Vella (K.I. 249085M)**

**St Mary's Court, Skylark,**

**Triq il-Prof Nerik Vassallo,**

**Siggiewi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attur prezentat fit-30 t' April 2018 li permezz tieghu talab li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' erbat elef mitejn u tletin ewro (€4,230) rapprezentanti telf ta' kirjiet ta' generator fl-ammont ta' tletin ewro (€30) kuljum liema

generator il-konvenut zamm bejn l-24 ta' Mejju 2017 u s-17 ta' Ottubru 2017 ghajr hamest ijiem bejn is-26 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Lulju 2017.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur; li l-generator gie provdut lilu minn bint l-attur u zewgha u dan bil-kunsens tal-attur innifsu sabiex huwa jkun jista jaghmel xogholijiet fi proprjeta' tal-istess bint l-attur; li l-generator intuza ghal dawn ix-xogholijiet, li l-attur kien konsapevoli dwar dan u qatt ma lmenta dwar dan jew talab il-generator lura; li din l-azzjoni hija ntiza biss sabiex bint l-attur u zewgha ma jhallsux lill-konvenut ghal xoghol ta' kostruzzjoni li ezegwixxa fuq inkarigu taghhom stess; bla pregudizzju ghal premess l-attur irid juri kif wasal ghal din is-somma.

Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li l-konvenut kien il-bennej li ried jibda x-xoghol fuq l-plot tat-tifla u peress li ma kienx hemm dawl huwa xtara generator kif geghlitu t-tifla biex il-konvenut ikun jista jahdem bih fuq l-lant tax-xoghol ta' bintu. Il-generator hallas ghalih hu u rranga mat-tifla Tiziana Sammut biex lilha jikrilha "bhal speci" l-generator. Waqaf ix-xoghol ghax kien hemm problem fuq il-konkos u l-konvenut il-generator zammu ghandu. Dan gara f'April tas-sena 2017 meta huwa tah il-generator biex jahdem bih u hadu lura f'nofs Ottubru tal-istess sena meta lavrant minn tieghu rritornah. Gara li pprova jistartjah fil-prezenza tal-lavrant tieghu u ma startjax u l-lavrant qallu li sal-gimgha l-ohra kienu qed jahdmu bih. U dan meta l-gimgha ta' qabel ma kienx qed jahdem fuq il-lant tax-xoghol ta' bintu. Huwa jghid li kien talabulu meta ltaqghu biex ikejlu x-xoghol u wara gimgha gabu lura. Huwa jghid li la l-konvenut ma kienx qed jahdem ghand bintu bejn April u Ottubru huwa ma rcieva ebda flus minghand bintu Tiziana.

In kontro-ezami l-attur jammeti li l-generator krieh lit-tifla u lit-tifla l-generator ma talabuliex lura ghax kienet ghadha mhix lesta. Binti kienet thallsu tletin ewro (€30) kuljum ghal kiri ta' dan il-generator u l-ircevuta tal-pagamenti jaghtiha meta x-xoghol ikun lest u tghaddilu lura l-generator. Huwa jikkontendi li l-konvenut kellu jiehu permess minghandu biex jiehu l-generator u mhux minghand it-tifla. Huwa jikkonferma li l-generator huwa hadulu lill-konvenut.

A fol 21 xehdet bint l-attur Tiziana Sammut Borg li l-arrangament mal-konvenut kien li meta ma juzax il-generator ihallih fi proprjeta' tlett bibien l'isfel izda dan ma sarx u tghid li darba ratu bih max-Xatt ta' Tas-Sliema fil-vann. Tghid li dan kien xi tmienja u nofs meta

kien bih fil-vann u meta regghet ghaddiet lura fin-nofsiegha kien ghadu bih fil-vann il-generator il-konvenut. Hija tikkonferma li missierha kien jikrilha l-generator izda meta l-konvenut waqaf mix-xoghol missierha qalilha li mhux ser jibqa johdilha tletin ewro (€30) kuljum. Il-generator haduh lura fis-17 ta' Ottubru 2017.

In kontro-ezami mistoqsija kemm taghtu flus lil missierha hija tghid li ma tafx kemm biss taf li l-konvenut beda jahdem fis-27 ta' April u waqaf fl-24 ta' Mejju u taghtu tletin ewro (€30) ghal kuljum u mbaghad rega beda fis-26 ta' Lulju u rega waqaf fil-31 ta' Awissu. L-ircevuti tghid li qeghdin ghand missierha. Il-generator talbitulu lura lill-konvenut. Hija tghid li lill-bennej qatt ma talbitu flus ghal uzu tal-generator ghax kien qed jahdem ghandha.

A fol 26 Frankie Apap xehed li kien hu li wassal il-generator u li kien prezenti meta dan gie ritornat mil-lavrant. L-attur riedu jistartjah u l-lavrant qallu li kienu ghadhom jistartjawh u li skont hu jigifieri li hadmu bih.

A fol 30 il-konvenut xehed li li huwa hadem fuq il-lant ta' bint l-attur sas-07 t' Ottubru u esebixxa r-ritratti li juru li fis-07 ta' Ottubru ghalqilhom il-bieb isfel. Fit-13 t' Ottubru baghtilhom biex ihallsuh u l-pagamenti ma waslu qatt. Huwa lesta mix-xoghol fit-13 t' Ottubru u fis-17 t' Ottubru tahom lura l-generator. Gara li wara li baghtilhom l-kont huma marru jaghmlu rapport mal-Pulizija li serqilhom il-generator haga li huwa jichad kategorikament u li gie liberat minn dawn l-akkuzi. Huwa zamm il-generator sas-17 t' Ottubru ghax ma kienx hemm fejn issakru fuq il-lant tax-xoghol u kien jispicca ma kienx ser ihallih warajh la huma ma kienux imorru ghalih. Huma kienu jmorru tlett darbiet f'gimgha jimlewlu l-petrol fil-generator u qatt ma qalulu biex il-generator ma jiehdux mieghu d-dar.

In kontro-ezami fol 50 il-konvenut xehed li fil-perjodu bejn Mejju u s-07 t' Ottubru sakemm baqa' jahdem ghand bint l-attur huwa siefer u l-attur u bintu kienu jafu u dan kien okkazjoni ta' darba; waqaf darba ohra ghax kien hemm il-dik tal-konkos u huma ma accettawx li huwa jibda qabel johrog l-ahhar test tal-konkos. U ghamlu xahar u nofs wieqfa sakemm isir dan. F'dan il-perjodu huwa zamm il-generator fil-garaxx u dan ghax l-attur qallu biex izommu ghandu. Huwa jghid li l-attur qatt ma talbu l-generator u kien imur erba' darbiet fil-gimgha jaghti l-petrol ghax ma kienx jafdah biex jaghti l-petrol hu. Huwa jghid li l-attur u bintu qalulu biex izommu ghandu. Huwa jichad li hadem sal-

ahhar ta' Awwissu u jghid li fit-12 ta' Settembru kien qed qieghed il-faccata u fis-07 t' Ottubru ghalqilha l-bieb isfel u pprezenta ritratti biex jipprova dan. Meta gie muri r-rapport mahrug mill-Health and Safety tal-31 ta' Awwissu 2017 biex juri li sa dakinhar huwa hadem, il-konvenut jghid li r-ritratti li esebixxa juru li huwa hadem sas-07 t' Ottubru 2019.

A fol 33 xehed Paul Scicluna li ha l-generator lura ghand l-attur, startjahulu u tahulu. Il-generator kienu jahdmu biss is-Salina ghand bint l-attur u meta hadlu lura l-generator l-attur ma qallu xejn.

Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019 a fol 49 il-partijiet ghalqu l-provi u saret trattazzjoni fis-seduta tas-07 ta' Novembru 2019.

Konsiderazzjoni,

F'din il-kawza l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi ordnat ihallsu s-somma ta' erbat elef mitejn u tletin ewro (€4,230) rapprezentanti telf ta' kirjiet ta' generator fl-ammont ta' tletin ewro (€30) kuljum, liema generator il-konvenut zamm bejn l-24 ta' Mejju 2017 u s-17 t' Ottubru 2017 ghajr hamest ijiem bejn is-26 ta' Lulju 2017 sal-31 ta' Lulju 2017.

Il-konvenut jikkontendi li ghamel xi zmien wieqaf ix-xoghol stante li l-attur ried li jigi certifikat li l-konkos kien tajjeb qabel ma huwa setgha jkompli x-xoghol. Ir-ritratti esebiti a fol 35 u 36 u mhux kontestati mill-attur juru li x-xoghol baqa' ghaddej sa Ottubru 2017.

Jirrizulta wkoll li l-proceduri kriminali u civili nbdew kwazi sena wara li l-generator gie ritornat lill-attur.

Jirrizulta wkoll li fil-31 ta' Awwissu 2017 a fol 57 u dan skont ir-rapport tal-Health and Safety prezentat mill-attur stess , il-generator kien qed jigi uzat stante li l-Health and Safety Officer irraport "Generator is in use" u ghalhekk ma jistax jinghad li fil-31 t' Awwissu 2017 il-generator ma kienx qed jintuza.

**Relazzjoni mal-attur**

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur stante li huwa kien qed juza l-generator provdut lilu minn bint l-attur.

Mill-provi jirrizulta li l-generator kien proprjeta' tal-attur; li l-attur ghaddieh lil bintu biex tuzah waqt li kienet qed tibni fis-Salina; li l-attur jghid li krieh lil bintu tletin ewro (€30) kuljum; li bintu ghaddietu lill-bennej, il-konvenut f'din il-kawza, biex juzah fuq il-lant tax-xoghol.

Dwar din l-eccezzjoni li huwa ma ghandux relazzjoni mal-attur, jinghad li gej:

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet: 'Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li: *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in vistu ta' liema l-wiehed, kreditu ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbliazzjoni tieghu. obbligazzjoni din li tista tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista jkun wiehed f'sens strett u jista jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

It-Tribunal hawnhekk jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: **'Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza fil-05 t' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, il-Qorti trid bilfors tivverifika 'prima facie' jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skont l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha. Jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur li hu kellu necessarjament ikun*

*finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza. '*

Illi mill-provi jirrizulta car li l-kera, jekk kien hemm (stante li t-Tribunal ghandu dubju dwar dan minhabba li ebda prova ta' ircevuti ma gew prodotti), kienet ma' bint l-attur u mhux mal-konvenut u li ghalhekk kif gie ritenut mill-Qorti fis-sentenzi fuq citati, t-talbiet tal-attur kellhom ikunu diretti lejn bintu in kwantu kienet hija involuta fl-allegat kirja u se mai bint kienu tikjama fil-kawza lill-konvenut.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u t-talbiet tal-attur qed jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**